MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2007

Numru. 187/2007

Il-Pulizija
(Spettur Chris Pullicino)

vs

James Demanuele

Il-Qorti,

Rat li l-imputat, James Demanuele, ta' 32 sena, bin Felix u Rose nee' Camilleri, imwieled Pieta' nhar l-4 ta' April, 1974, residenti 7, Tar-Redentur, Triq George Caruana, Tarxien detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 235374(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda u cioe':

1. Talli matul dawn l-ahhar erba' xhur sa s-6 ta' Marzu 2007, f'diversi mkejjen fil-gzejjer Maltin, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Helen Maria Felice u/jew b'mod li kienjaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghall-imsemmija Helen Maria Felice;

2. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, l-imgieba tieghu kkagunat biza' lil Helen Maria Felice li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxenenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna imsemmija fl-Art. 222(1);

3. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil Helen Maria Felice jew jekk kien pprovokat, ingurjaha b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

4. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, uza xi sistema jew apparat ta' telekommunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih kien gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekommunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew.

5. U aktar tall matul il-jum ta' s-6 ta' Marzu, 2007, xi hin wara nofs in-nhar, attakka jew ghamel rezizstenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

6. U aktar talli fis-6 ta' Marzu, 2007, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku fosthom l-Ispettur Chris Pullicino u s-Surgent 1152 Emanuel Saliba waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

7. U aktar talli fis-6 ta' Marzu, 2007 f'xi hin wara nofs in-nhar gewwa l-Hamrun qal kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti f'dagha.

8. U aktar talli kiser il-provvedimenti fuqu imposti b'sentenza datata 7 ta' Lulju, 2006 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u liema sentenza giet kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-16 ta' Novembru, 2006 fejn kien gie misjub hati ta' reat u tqieghed taht garanzija ai termini tal-Artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'obbligazzjoni li ma jdejjaqx u ma jimmolestax lil Helen Maria Felice u l-familja taghha ghal zmien sena liema zmien beda jghodd mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kif provdut fis-sentenza hawn fuq citata.

9. U fl-ahhar nett talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza cioe' Helen Maria Felice minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-artikolu 412C tal-Kap9.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti nkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 ta' Marzu, 2007 (a *folio* 68 tal-process) sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat fuq imsemmi jwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Semghat il-provi;

Semghat t-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni rrizulta li fis-6 ta' Marzu, 2007 wara nofsinhar certu Helen Maria Felice kienet marret fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex tkellem lill-Assistent Kummissarju Emanuel Cassar dwar theddid u fastidju li allegatament kien qed isirilha mill-ex *boyfriend* taghha, cioe' l-imputat odjern, li minnu kellha tarbija, liema fastidju u theddid kienu qed isirulha permezz ta' telefonati fuq il-*mobile phone* taghha. Waqt din il-laqgha li kellha mill-Assistant Kummissarju kien hemm prezenti wkoll l-Ispettur Chris Pullicino.

Mix-xhieda ta' dan tal-ahhar (vide depozizzjoni fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 2007) kif ukoll mix-xhieda tal-Assistent Kummissarju Emanuel Cassar (ara xhieda fis-seduta tat-3 ta' April, 2007) u mix-xhieda ta' Helen Maria Felice jirrizulta li waqt li l-istess Felice kienet fl-ufficju tal-Assistent Kummissarju daqqilha l-mobile phone diversi drabi sakemm f'okkazzjoni minnhom l-Ispettur Pullicino bil-kunsens ta' Felice rrisponda t-*telephone* u identifika ruhu u qal lil min kien hemm fuq in-naha l-ohra tal-linja sabiex imur id-Depot ghaliex xtaq ikellmu. Wara li t-*telephone* daqq xi darbtejn ohra u rega' rrisponda l-Ispettur Pullicino, il-persuna li kien hemm fuq in-naha l-ohra tal-linja ikkonferma li kien James Demanuele, u cioe' l-imputat, u beda jkellem hazin u jghajjar lill-Ispettur Pullicino.

Mill-provi, u senjatament, mix-xhieda ta' PC 960 Pierre Vassallo, rrizulta li l-imputat kien fil-pjazza tal-Hamrun waqt li kien qed jaghmel l-imsemmija telefonati. PC 960 inzerta sema' lill-imputat jghajjat u jghid kliem oxxen fuq il-*mobile phone,* mar waqqfu izda meta dan ma tax kasu, il-kuntistabbli talbu jmur mieghu l-Ghassa. Meta l-imputat irrifjuta PC 960 cempel ghall-ghajnuna u wara li marru PS 1141 u PC 1 fuq il-post, l-imputat accetta li jmur l-Ghassa tal-Hamrun. Dejjem skond ix-xhieda ta' PC 960 l-imputat talab li jmur igib xhud u malli hareg barra giet vettura tac-CID u l-imputat gie arrestat mill-Pulizija mibghuta mill-Ispettur Chris Pullicino.

Mix-xhieda ta' Helen Maria Felice moghtija fis-seduta tas-17 ta' April, 2007 jirrizzulta li hija kienet marret tkellem lill-

Assistent Kummissarju ghaliex f'dawk l-ahhar erba' xhur, u cioe' minn minndu l-imputat kien hareg mill-Habs,huwa kien qed icemplilha kontinwament fejn kien jghidilha li ser joqtolha u li din id-darba kien ser jirnexxielu jaghmel dan u li ghalkemm ma kienx ser icappas idejh hu l-ahhar daqqa hu kien ser jaghtihiela. Hija kkonfermat li kienet qed tircievi dawn it-telefonati fuq il-linja bin-numru 79602714 u kienet qed thossha mheddha b'dak li kien qed jghidilha l-imputat anki ghaliex f'incident precedenti l-imputat kien taha daqqa ta' sikkina.

Ikkunsidrat:

Illi mill-ezami tal-fatti din il-Qorti hija ghal kollox konvinta minn dak li xehdet Helen Maria Felice in kwantu jirrigwarda t-telefonati kontinwi li kienet qed tircievi minghand l-imputat fejn huwa kien qed jheddidha li ser joqtolha u li din id-darba kien ser jirnexxielu. Ix-xhieda ta' Felice f' dan ir-rigward hija sa certu punt wkoll korroborata mix-xhieda ta' l-Ispettur Chris Pullicino u tal-Assistent Kummissarju Emanuel Cassar il-ghaliex kif diga inghad aktar il-fuq mill-provi rrizulta wkoll li l-imputat cempel lil Felice diversi drabi fuq il-*mobile phone* taghha waqt li hija kienet fil-presenza taghhom, u cioe' waqt il-laqgha tas-6 ta' Marzu 2007. It-telefonati kontinwi u incessanti fejn l-imputat kien qieghed jhedded lil Felice li ser joqtolha certament jistghu jitqiesu li jaghtuha fastidju. Inoltre ma hemm l-ebda dubju li Felice kellha ragun thossha mbezzgha bit-theddid li kien qed isirilha mill-imputat specjalment meta wiehed jikkunsidra li precedentement l-istess imputat kien diga' taha daqqa ta' sikkina.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel tlett imputazzjonijiet jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u l-imputat qed jinstab hati tal-istess akkuzi.

In kwantu jirrigwarda ir-raba' akkuza, u cioe' dik ta' uzu improprju ta' apparat ta' telekomunikazzjoni, il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mid-Difiza waqt it-trattazzjoni taghha fis-sens illi jidhrilha li l-Artikolu 35(i)(d) tal-Kap 399 jirreferi u jikkoncerna l-uzu illecitu ta' apparat ta' telekomunikazzjoni u mhux il-kontenut trasmess fih bil-

fomm jew kitba (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri @Pul. Vs Dr. Etienne Calleja deciza fit-22 ta Awissu 2007) u in vista tal-fatt li fil-kaz odjern ma ngabet ebda prova ta' uzu mproprju kif kontemplat fil-Kap 399 l-imputat qed jigi liberat mir-raba' akkuza.

L-imputat qed jeccepixxi *in ne bis in idem* in kwantu jirrigwarda l-hames, is-sitt u s-seba' akkuzi li permezz taghhom huwa qed jigi akkuzat (i) li fis-6 ta' Marzu, 2007 f' xi hin wara nofsinhar attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti ***<u>(ii)</u>*** talli fl-istess data ngurja jew hedded jew ghamel offiza fuq persuni nkarigati skond il-ligi fosthom l-Ispettur Chris Pullicino u s-Surgent 1152 u (iii) talli fl-istess data, gewwa l-Hamrun u wara nofsinhar qal kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti f' dagha u (iii) talli fl-istess data qal kliem oxxnn fil-pubbliku anki konsistenti f'dagha

In sostenn tal-eccezzjoni minnu sollevata l-imputat esebixxa kopja ta' sentenza datata 15 ta' Mejju, 2007 (a fol 146) moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-imputat instab hati talli fis-6 ta' Marzu 2007 ghal habta tat-3.00pm fil-Hamrun (1) Irrifjuta li jaghti l-partikolaritajiet tieghu lil PC 960 Pierre Vassallo meta kien hekk mitlub, (2) Volontarjament kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied (3) Ghamel mossi jew gesti oxxenni u qal kliem oxxenn u fahxi li jikkonsisti f' dagha fil-pubbliku u (4) Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Fl-atti tal-imsemmija proceduri gie esebit affidavit ta' PC 960 li kopja tieghu giet esebita f' dawn il-proceduri (a fol. 146), Minn ezami tal-imsemmi affidavit u tax-xhieda moghtija minn PC 960 fil-proceduri odjerni waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2007 u tal-25 ta' Lulju 2007 jirrizulta inekwivokabilment li l-akkuzi li taghhom l-imputat odjern instab hati permezz tal-imsemmija sentenza tal-15 ta' Mejju 2007 u l-hames, is-sitt u s-seba' akkuza fil-proceduri odjerni jirrigwardaw l-istess fatti u l-Artikolu 527 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi li "Wara sentenza li f' kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistghax <u>ghall-istess</u> fatt ikun suggett

ghal-kawza ohra” (sottolinear ta’ din il-Qorti). Ghal kull buon fini irid jigi rilevat li ghalkemm din id-disposizzjoni titkellem dwar il-liberazzjoni u mhux dwar kundanna il-Qrati taghna dejjem interpretawha bhala li tinkludi ukoll il-kaz fejn persuna tkun giet misjuba hatja tal-istess fatt (ara Pulizija vs. Anthony Vella et. App Krim. 19.2.1999; Pulizija vs Adrian Cassar Galea App Krim. 20.11.2000). Fil-kaz in dizamina dak li sehh jikkwadra ruhu perfettament f’ dak li jistabbilixxi l-Artikolu 527 ghaliex il-fatti li jirrigwardaw il-hames, is-sitt u s-seba’ akkuza huma l-istess li abbazi taghhom l-imputat instab hati minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza tal-15 ta’ Mejju 2007. Il-Qorti ghalhekk tilqa’ l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* sollevata mill-imputat u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames, is-sitt u s-seba’ akkuzi.

Il-Qorti sejra wkoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien akkuza stante li l-imputat odjern diga’ nstab hati ta’ din l-akkuza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta permezz ta’ sentenza tas-27 ta’ Gunju 2007 ( kopja esebita a fol 151 sa 154) fejn il-Qorti ordnat li l-obbligazzjoni mposta fuq l-imputat mill-Qorti Kriminali permezz ta’ sentenza tas-16 ta’ Novembru, 2006 tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta.

Minn ezami tal-fedina penali tal-imputat u mill-kopji tas-sentenzi esebiti a fol 113 sa 138 tal-process id-disa’ akkuza tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi u ghalhekk l-imputat qed jinstab hati tal-imsemmija akkuza.

Ghall-finijiet ta’ piena il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali pjuttost voluminuza tal-imputat minn fejn jirrizulta li huwa ma jridx jaqbad it-triq it-tajba u li huwa m’ gharafx jitghallem mill-izbalji li ghamel fil-passat u jidrilha li ghandha tigi mposta piena karcerarja aktarx vicin il-massimu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 251A, 251B, 339(e), 17, 31, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u d-disa’ akkuzi, tiddikjarah mhux hati tar-raba’ akkuza u tastejni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames, sitt, seba’

u tmien akkuzi u tikkundanna lill-imputat ghal prigunerija ta’ tmien (8) xhur mill-liema perjodu ghandu jitnaqqas biss iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz. Inoltre b’ applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 il-Qorti torbot lill-imputat b’ obbligazzjoni personali ta’ mitejn liri Maltin (LM 200) ghal zmien sena millum milli jimmolesta jew jivvessa lil Helen Maria Felice.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------